**QORTI KRIMINALI**

**Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. Dip Matr., (Can), Ph.D.**

**Ammissjoni skond l-Artikolu 392B**

**363/2025**

**Ir-Repubbblika ta' Malta**

vs

**MOHAMED ANAS BOUALAM;**

**OMISSIS 1 U**

**OMISSIS 2**

**Illum, 15 ta' Mejju 2025**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra **Mohamed Anas Boualam** (maghruf ukoll bhala Anas Borlam Indiris) ta' 37 sena, imwieled fil-Marokk fl-ewwel (1) t' Awwissu tas-sena elf u disa mija u sitta u tmenin (1986), resident fl-indirizz Blk 2, 3, Tarag it-Tarznari Antiki, Bormla u detentur tal-passaport Marokkin bin-numru XV2106432 kif ukoll karta tal-identita' numru 9000028A, akkuzat f' isem ir-Repubblika ta' Malta:

Talli nhar il-hamsa u ghoxrin (25) ta' Awwissu tas-sena elfejn u tlieta u ghoxrin (2023) ghall-habta ta' bejn sitta ta' filghaxija (18:00hrs) u it-tmienja ta' filghaxija (20:00hrs) f'Carabott Jewellers, Triq Dun Guzepp Zammit, Zurrieq u/jew fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer:

1. Dolozament, bil-hsieb li joqtlu persuna jew li jqieghed l-hajja taghha f'periklu car u cioe' ta' Joseph Carabott, ura dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-

esekuzzjoni ta' tali delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu;

2. Talli fl-istess data, lok, u cirkostanzi kkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha u cioe' offiza ta' natura gravi fuq persuna ta' Joseph Carabott liema offiza giet maghmula b'arma regolari u/jew bi strument li jaqta' jew iniggez;

3. Talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, bla ordni skont il-ligi tal-awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lil Joseph Carabott kontra l-volonta' tieghu, liema delitt sar bhala mezz sabiex Joseph Carabott gie offiz fuq il-persuna tieghu jew mhedded bil-mewt u/jew bil-hsieb ta' estorsjoni ta' flus jew hwejjeg ohra jew biex persuna ohra tkun imgieghla taccetta li taghmel xi trasferiment ta' hwejjigha;

4. Talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, ikkommetta serq, fosthom ta' gojjelerija, flus u/jew affarijiet ohra bi hsara ta' Joseph Carabott u/jew persuni ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza liema vjolenza kienet diretta kontra persuna li ghalqet l-eta' ta' sittin sena u bil-valur liema valur huwa izjed minn elfejn tliet mija u disghin u ghoxrin euro u sebgha u tletin centenzmu (€2,329.37);

5. Talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, b'mezzi xort'ohra volontarjament hassartu, ghamiltu hsara jew gharraqtu hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, liema ammont tal-hsara huwa izjed minn elfejn u hames mitt Ewro (€2,500);

6. Talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, filwaqt li kienu qeghdin jaghmlu delitt kontra l-persuna, kellhom fuq il-persuni taghhom arma regolari u/jew imitazzjoni ta' arma regolari;

7. Talli fl-istess data, lok, u cirkostanzi, garrew 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta

jkun minghajr ma kellhom licenzja jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija;

U nakkuzawhom ukoll flimkien talli nhar is-sebgha u ghoxrin (27) t'Awwissu tas-sena elfejn u tlieta u ghoxrin (2023) gewwa Triq Manwel Dimech, Sliema u/jew fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer:

8. M'obdewx l-ordnijiet legittimi tal-awtorita' jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma hallewx jew fixklu waqt li kien qed jaghmel id-dmirijiet tieghu, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahlu fi dmiru, billi ma hallewx lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor kien ghamel skont il-ligi;

8A. U f'isem ir-Repubblika ta' Malta, nakkuzawhom talli nhar il-hamsa u ghoxrin (25) tas-sena elfejn u tlieta u ghoxrin (2023) ghall-habta ta' bejn is-sitta ta' filghaxija (18:00hrs) u t-tmienja ta' filghaxija (20:00hrs) f'Carabott Jewellers, Triq Dun Guzepp Zammit, Zurrieq u/jew fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, dolozament. Bil-hsieb li joqtlu lil Joseph Carabott u/jew li jqieghdu l-hajja tieghu f'periklu car, ikkagunawlu l-mewt, liema mewt sehhet nhar l-erbgha (4) ta' April tas-sena elfejn u hamsa u ghoxrin.'

Il-Qorti kienet mitluba sabiex, fil-kaz ta' htija, barra milli tinfliggi l-piena skont il-ligi, meta taghti s-sentenza jew f'kull ordni iehor wara, tikkundanna l-hati jew hatjin ghall-hlas, lir-registratur, tal-ispejjez kollha jew ta' parti mill-ispejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri, f'dak iz-zmien u f'dak l-ammont bhalma jkun gie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni, u dan skond kif kontemplat fl-Artikolu 522 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet gentiment mitluba sabiex, fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, meta taghti s-sentenza tordna lil-hati sabiex jirrestitwixxi lil parti offiza kull haga minnu misruqa bi hsara ta' dik il-parti bi jew permezz tar-reat jew li jhallas lil dik il-parti ammont ta' flus kif jista' jigi stabbilit mill-Qorti bhala kumpens ghal dak

it-telf kif imsemmi jew ghal xi danni jew offiza jew hsara ohra u dan ai termini tal-Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet ukoll mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Qorti jidhrilha xierqa.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex tirrevoka l-helsien mill-arrest tal-imputata OMISSIS 2, tarresta mill-gdid lill-imputata kif ukoll tirrevoka l-garanzija personali li fuqha kienet inghatat il-helsien mill-arrest.

Ghaldaqstant filwaqt li gie esebit dokument ta' identifikazzjoni ta' Mohamed Anas Boualam, Omissis 1 u Omissis 2 flimkien mal-fedina penali tal-istess imputati, gie mitlub li dan il-kaz jigi investigat skond il-ligi.

Semghet lill-partijiet fis-seduta tad-9 ta' Mejju 2025.

**<u>Ikkunsidrat,</u>**

Din il-Qorti hija rinfaccjata b'ammissjoni ghall-akkuzi kollha kif addebitati fil-konfront tieghu u dan meta l-istess akkuzat irregistra ammissjoni quddiem il-Qorti tal-Magsitrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja nhar it-23 ta' April 2025 u darb ohra quddiem din l-istess Qorti nhar id-9 ta' Mejju, 2024 fil-presenza tal-avukat difensur tieghu Dr George Anton Buttigieg u fil-presenza tal-interpretu nominat mill-Qorti Bader Zina.

F'din l-istess seduta tad-9 ta' Mejju 2025, din il-Qorti kienet wissiet lill-akkuzat dwar il-konsegwenzi ta' din l-ammissjoni fejn gie spjegat lilu kull akkuza addebitata lilu tant li anke staqsiet l-interpretu biex jikkonferma li l-akkuzat fehem l-import tal-akkuzi addebitati fil-konfront tieghu u li kien qed jirregistra ammissjoni. Il-Qorti giet mgharfa wkoll f'din l-istess seduta li l-akkuzat kien anke wasal f'patteggjament mal-

Avukat Generali dwar il-piena li ghandha tigi errogata. Din il-Qorti regghet tat hin adegwat lill-akkuzat sabiex ikun jista' jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu. Cioonnostante l-akkuzat insista li jirregistra l-ammissjoni tieghu u dan fl-istess seduta tad-9 ta' Mejju 2025.

Issa fit-termini tal-gurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati taghna, meta jkun hemm ammissjoni dan ifisser illi min jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabilita` tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal ghaliha anke meta jkun hemm pattegjament milqugh bejnu u l-Avukat Generali purche l-Qorti tista' tinforma lill-akkuzat li ma taqbilx man-nota ta' pattegjament u tinforma lill-akkuzat qabel ma tghaddi ghas-sentenza (vide **<u>Repubblika ta' Malta vs Eliot Busuttil)</u>**[1].

Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati ohra ma jidhlux f'ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw x'piena ghandhom jinfliggu izda li hu zgur hu li meta Qorti tkun rinfaccjata b'ammissjoni hemm certu fatturi li ghandha tqis qabel ma timponi piena adegwata u ghalhekk ghandha tifli l-process u tara l-provi kollha li gew imresqa quddiemha. Fir-rigward ta' ammissjoni din il-Qorti taghmel referenza ghad-digriet moghti minn din il-Qorti diversament preseduta, fl-ismijiet **<u>Ir-Repubblika ta Malta vs Nicholas Azzopardi</u>**[2] fejn gie ritenut li in vista ta' l-ammissjoni ta' l-akkuzat, ikun opportun Ii din il-Qorti taghmel xi osservazzjonijiet ta' natura generali dwar il-piena meta akkuzat jammetti l-akkuza migjuba kontra tieghu. Ma hemmx dubbju li bhala regola generali, meta akkuzat jammetti l-akkuza hu ghandu jibbenefika minn xi riduzzjoni fil-piena. Jinghad *"bhala regola generali"*, ghax jista' jkun hemm cirkostanzi li jkunu jindikaw li tali riduzzjoni m'ghandiex tapplika f'dak il-kaz partikolari. Wiehed naturalment ma jistax jelenka l-kazijiet li c-cirkostanzi kollha fejn riduzzjoni fil-piena tkun jew ma tkunx indikata, u dana peress li kull kaz ikollu l-fattispeci partikolari tieghu. Pero' wiehed jista' jaccenna ghal certi linji ta' gwida. Fl-edizzjoni ta' 1991 ta' Blackstone's Criminal Practice (Blackstone Press Limited), hemm elenkati

---

[1]

[2] Digriet moghti mill-Qorti Kriminali fl-24 ta Frar 1997 Att ta' Akkuza 19/96

xi whud mic-cirkostanzi illi Qrati Inglizi jiehdu in konsiderazzjoni ghall-finijiet ta' riduzzjoni o meno tal-piena f'kaz ta' ammissjoni:

> *'The extent of the appropriate "discount" has never been fixed but seems to vary between one fifth and one-third. In determining the extent of the discount, the court may have regard to the strength of the case against the offender (Davis (1980) 2Cr App R (S) 168). Where an offender has been caught red-handed and a guilty plea is inevitable, any discount may be reduced or lost (Morris (1988) 10Cr App R (S) 216). Occasionally the discount may be refused or reduced for other reasons, such as where the protection of the public requires it (McLough/in (1979) 1 Cr App R (5) 298; Stabler (1984)6 Cr App R (S) 129) or where the accused has delayed his plea in an attempt to secure a tactical advantage (Hollingron (1985) 82 Cr App R (5) 281). Similarly, some or all of the discount may be lost where the offender pleads guilty but adduces a version of facts at odds with that put forward by the prosecution requiring the court to conduct an inquiry into the facts (Newton (1982) 77 Cr App R 13) (pam E1.l3. pagna 1557).*

Din il-Qorti, kif preseduta, taqbel ma' dawn l-osservazzjonijiet u linji generali. Cirkostanza ohra li, bhala regola, ghandha tittiehed in konsiderazzjoni fil-ghoti tal-piena f'kaz ta' ammissjoni hi jekk dik l-ammissjoni tkunx effettivament ghenet biex il-kaz jigi deciz kemm jista' jkun malajr u minghjar spejjez inutili ghall-errarju pubbliku. Fil-fatt l-Imhallef f'dik is-sentenza jghid hekk ghax din il-Qorti hi partikolarment preokkupata mhux tant bin-numru ta' kazijiet pendenti quddiemha, daqs kemm bin-numru ta' eccezzjonijiet preliminari li qed jigu sollevati li hafna minnhom huma biss ta' natura dilatorja jekk mhux addirittura frivola. Hafna drabi, bhal f'dan il-kaz, persuna tiddeciedi li tammetti biss fl-ahhar minuta, wara li jkunu diga saru hafna spejjez u dan ghaliex ikunu gew nominati numru ta' eseprti mill-Qorti.

Din il-Qorti, hi tal-fehma li, *ceteris paribus*, ghandha taghti konsiderazzjoni partikolari ghal dik li hija l-possibilita' ta' riduzzjoni fil-piena meta akkuzat, kemm jista' jkun

jinforma lir-Registratur li bi hsiebu jammetti kif fil-fatt sehh f'dan il-kaz u mhux hekk biss izda pprezenta rikors konguntiv mal-Avukat Generali fejn ippattegjaw fuq piena adegwata fic-cirkostanzi. Il-Qorti giet ukoll mgharfa minghand Dr Stephen Tonna Lowell li kien qed jidher ghal parte civile li huma kienu ukoll sodisfatti il-patteggjament li sar ma l-Avukat Generali. Din il-Qorti bhala regola ghandha thares favorevolment lejn il-fatt li akkuzat ma qaghadx jahli z-zmien tal-Qorti u ta' haddiehor qabel ma ammetta' u li l-vittma hija wkoll sodisfatti fic-cirkostanzi tal-fatti kif evolvew bil-piena li ghandha tigi applikata skond il-patteggjament milqugh bejn l-akkuzat u l-Avukat Generali.

Rat il-gurisprudenza lokali kif ukoll dik ta' barra minn xtutna fir-rigward tal-piena inflitta meta persuna tgħamel ammissjoni bikrija senjatament **Ir-Repubblika ta'Malta vs. Nicholas Azzopardi**[3]; **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mario Camilleri** [4], **Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa**[5]" (kif ukoll il BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (Blackstone Press Limited 2001 edit). Ghalkemm f'din il-kawza m'ghandniex ammissjoni bikrija u dan ghaliex kien wara li nstemghu hafna provi u gew nominati deversi separati li sahansitra anke espletaw l-inkarigu taghhom u l-atti gew rinvjati ghand l-Avukat Generali mill-Qorti tal-Mgistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja nhar it-28 ta' April 2025 li l-akkuzat iddecida li jirregistra ammissjoni u cioe' kwazi sentejn wara li sehhew ir-rati addebitatti lill-akkuzat.

Rat ir-rikors kongunt ta' l-Avukat Generali u ta' Mohamed Anas Boualam prezentat fl-atti ta' din il-kawza nhar it-8 ta' Mejju 2025 fejn ghal darb ohra stqarret li l-imputazzjonijiet kif addebitati lir-rikorrent Indris Borlam Anas quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja u li ghalihom huwa rregistra ammissjoni skond il-ligi ghandhom jitqiesu bhala Att ta' Akkuza ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi.

---

[3] Deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali nhr l-24 ta' Frar 1997
[4] Deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Lulju 2002
[5] Deciz mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali nhar is-17 ta Lulju 2002

Illi f'din l-istess nota filwaqt li l-partijiet ghamlu referenza ghall-ammissjoni u ghad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 392B (5) (a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-rikorrenti konguntement iddikajraw li qeghdin jaqblu u konsegwentment talbu lil din l Onorabbli Qorti joghgobha timponi fuq ir-rikorrenti Mohamed Anas Boualam piena ta' prigunerija effettiva ghal perijodu ta' tnejn u tlettin sena (32) sena flimkien ma' multa ta' mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centesmu euro (€116.47) u dan oltre kwalsiasi sanzjoni u/jew konsegwenza ohra mandatorja konsegwenzjali ghad-dikjarazzjoni u sejben ta' htija ai termini tal-Kapitolu 9 u 480 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti thoss li allura f'dan il-kaz partikolari ghandha taderixxi ghat-talba konguntiva prezentata fl-atti processwali nhar id-9 ta' Mejju 2025 u ghaldaqstant, wara li rat l-artikoli 17(b), 31, 41 (1) (a) , 63, 65, 86, 211, 217, 218 (1) (a) , 261 (a) ( c), 262 (1) (a)( c), 267, 274, 325 (b) u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li qed issib lill-akkuzat **Mohamed Anas Boualam** hati tar-reati kollha kif addedbitati fil-konfront tieghu fuq ammissjoni tieghu stess u tikkundanna lil hati **Mohamed Anas Boualam** ghal piena pattegjata ta' prigunerija effettiva ghal perijodu ta' tnejn u tlettin sena (32) sena flimkien ma' multa ta' mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centesmu euro (€116.47) li jekk ma tithallasx puntwalment tigi kkonvertita f'termnu ta' prigunerija ai termini tal -artikolu 11 tal-Kodici Kriminali.

Tikkundanna wkoll lil hati **Mohamed Anas Boualam** ihallas l-ispejjez tal-perizji inkorsi f'dan il-process u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali u dan skond is-segwenti:

1. L-ammont ta' €955.50 rapprezentanti hlasijiet li saru lil Dott Mario Scerri (vide dok MS esebit a fol. 400 Vol. II)
2. L-ammont ta' €572.36 rapprezentanti hlasijiet li saru lil PC 1491 Kurt Attard u l Ufficcjal Civili Rebecca Bartolo (vide dok RB1 esebit a fol. 353 Vol. 2)
3. L-ammont ta' €324.26 rapprezentanti hlasijiet li saru lil Perit Richard Aquilina (vide dok RA esebit a fol. 504 Vol. 3).
4. L-ammont ta' €22,130.90 rapprezentanti hlasijiet li saru lil Dott Marisa Cassar (vide dok MC esebit a fol. 523 Vol. 3).

5. L-ammont ta' €1,563.50 rapprezentanti hlasijiet li saru lil Dr Martin Bajjada (vide dok MB esebit a fol. 588 Vol. 3).
6. L-ammont ta' €1988.70 rapprezentanti hlasijiet li saru lil PS 586 Mario Azzopardi (vide dok AV esebit a fol. 656 Vol. 3).
7. L-ammont ta' €5305.87 rapprezentanti hlasijiet li saru lil Renato Zampa (vide dok RZ| esebit a fol. 88 Vol. 5).
8. L-ammont ta' €666.56 rapprezentanti hlasijiet li saru lil Max Xuereb (vide dok MX esebit a fol. 1455 Vol. 6)
9. L-ammont ta' €304.80 rapprezentanti hlasijiet li saru lil Dott Mario Scerri (vide dok MS1 esebit a fol. 1509 Vol. 6)
10. L-ammont ta' €760.91 rapprezentanti hlasijiet li saru lil Dott Mario Scerri (vide dok MS esebit a fol. 400 Vol. 6)
11. L-ammont ta' €4395.86 rapprezentanti hlasijiet li saru lil Joseph Mallia (vide dok JM esebit a fol. 1627 Vol. 7)

Jekk l-ispejjez tal-perizji fl-ammont totali ta' €38,969.22 ma jithallsux fi zmien sena mid data tas-sentenza jigu kkonvertiti f'terminu ta' prigunerija skont il-ligi.

Peress illi fl-atti m'hemmx indikat kemm thallsu Robert Mifsud (vide Dok RM esebit a fol. 1381 Vol. 6) u PS 844 Carl Micallef (vide Dok CM1 esebit a fol. 852 Vol 5), il-Qorti mhux qed tobbliga lill-akkuzat ihallas tali spejjex.

Tordna ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom saru ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli u immobbli ohra tal-hati.

| | |
|---|---|
| **Dr. Consuelo Scerri Herrera** | **Maria Grech** |
| **Imhallef** | **Deputat Registratur** |